MALTA

ATT Nru XXXV tal-2024

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276.

ACT No. XXXV of 2024

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Extradition Act, Cap. 276.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MYRIAM SPITERI DEBONO**
President

25 ta' Ottubru, 2024

ATT Nru XXXV tal-2024

ATT sabiex jemenda l-Att dwar l-Estradizzjoni, Kap. 276.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2024 li jemenda l-Att dwar l-Estradizzjoni u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att dwar l-Estradizzjoni, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Kap. 276.

Emenda tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali.

2. Is-subartikolu (5) tal-artikolu 15 tal-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih qabel il-kliem "Meta l-persuna arrestata" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "Meta persuna tkun tressqet quddiem il-qorti rimandanti kif provdut fis-subartikolu (1), il-qorti għandha tinforma lil tali persuna li tista' tagħti l-kunsens tagħha sabiex titreġġa' lura u l-qorti għandha tispjega l-proċedura li tkun ser tapplika jekk tagħti l-kunsens tagħha.";

(b) il-kliem "li tkun trid titreġġa' lura dik il-qorti għandha, jekk tkun sodistatta li dik id-dikjarazzjoni tkun saret b'mod volontarju" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li tkun

trid titreġġa' lura, il-qorti għandha twissi lil dik il-persuna bl-aktar mod ċar dwar il-konsegwenzi legali tad-dikjarazzjoni tagħha u wara li tagħtiha dak iż-żmien li l-qorti jidhrilha raġonevoli sabiex twieġeb, il-qorti għandha malli tkun sodisfatta mill-volontarjetà ta' dik id-dikjarazzjoni"; u

(ċ) il-kliem "taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda:

(i) kull persuna li tkun qiegħda tistenna l-estradizzjoni minn Malta fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso wara li tkun iddikjarat li trid titreġġa' lura skont dan is-subartikolu kif kien fis-seħħ meta saret id-dikjarazzjoni tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-proviso tippreżenta rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex titlob l-annullament tal-imsemmija dikjarazzjoni u sabiex titlob l-awtorizzazzjoni sabiex titħalla tikkontesta t-talba għall-estradizzjoni taħt dan l-Att;

(ii) kif tiġi ppreżentata applikazzjoni skont dan il-proviso, it-termini kollha provduti f'dan l-Att u relatati mal-proċeduri partikolari ta' estradizzjoni għandhom jiġu sospiżi, sakemm il-qorti tiddetermina l-applikazzjoni u wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' t-talba dawk it-termini għandhom jibqgħu sospiżi sakemm l-atti tal-proċeduri jiġu riċevuti mill-qorti rimandanti;

(iii) il-Qorti tal-Appell Kriminali għandha tilqa' t-talba magħmula skont dan il-proviso u tordna li l-atti tal-proċeduri jintbagħtu lura lill-qorti rimandanti fi żmien tlett (3) ijiem sabiex il-persuna li tkun qiegħda tintalab li titreġġa' lura tiddikjara quddiem il-qorti rimandanti jekk tridx titreġġa' lura, daqslikieku qiegħda tidher quddiem il-qorti rimandanti għall-ewwel darba;

(iv) meta l-Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' talba ppreżentata skont dan il-proviso u sakemm l-atti tal-proċedura jintbagħtu lura lill-qorti rimandanti, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u kull terminu applikabbli għall-arrest ta' dik il-persuna jew għall-proċedura tal-estradizzjoni tagħha għandhom jiskattaw u

jibdew jiddekorru mill-ġdid hekk kif l-atti tal-proċedura jiġu riċevuti mill-qorti rimandanti.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 265 tal-21 ta' Ottubru, 2024.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

ELEANOR SCERRI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati